# LILL-KELB (*)

Jgħidulek hekk, għax għandek qalbek tajba
u tħobb lil Sidek li ma xejn ma tibdlu.
Biża' ma tafx fejn jitlob wensek, anqas
għejja ma tagħmel bik fejn jaħdem Hu.
Ġwejjed u ħiemed ħdej' riġlejh tinxeħet
meta jew sieket jaħseb, jew ma' ħbiebu
jitħadded dmiru: u għalkemm mal-qiegħa
tmedd riġlejk ta' quddiem u rasek fuqhom
bħallikieku biex torqod, inti tishar,
u dlonk turih li qalbek qegħda miegħu
bi tferfira ta' denbek, jekk ikellmek
jew imellislek xagħrek. Tqum u tixħet
ħarstek ġe' ħarstu biex titkixxef ħsiebu
jekk Hu jagħti xi ħjiel li se'r jiċċaqlaq:
u jekk xi ħtieġa jew xi waħma tiġbdu
barra mid-dar, inti bla xejn ma tfittex
jekk hix xemx taħraq jew xi bard li jreżżaħ,
bi tnehida ta' ferħ tiġri quddiemu,
għax biss fejn ikun Hu artek u darek.
Tilbet u b'denbek bejn saqajk titkaxkar
quddiemu, jekk tarah għalik imdagħdagħ,
u tieħu bla ma tikxef snienek bojjod
is-swat minn għandu, w-bħallikieku tagħraf
il-ħaqq ta' Sidek, hemm int tibqa' kiebi
tħares f'għajnejh, biex tara jekk ewwilla
għadx baqagħlek xi tħallas: 'mma kif tarġa
trewwaħ fewġa tas-sliem, inti ferrieħi
issul ma' Dak li ħaqrek, għax ġe' qalbek
qatt ma tgħammar id-dnewwa għal min darba
uriek li ħabbek: u sal-mewt is-sedqa.

DUN KARM

16 - 7 - 34.

---

(*) Il-kelma *kelb* ġejja minn għerq li jfisser *ingħaqad*, jew *irtabat*. Fost raġunijiet oħra, xi għorrief igħidu illi lill-kelb tawh dan l-isem, għaliex hu iħobb hekk lil sidu li tista' tgħid *jirtabat* miegħu u jsir ħaġa waħda miegħu. (Ara Preca, A.—Malta Cananea, pag. 417).